*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,718, 11 ta' Marzu, 2011*

*Taqsima B*

**A.L. 82 tal-2011**

## ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

### Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtijin bl-artikoli 61 u 62 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 504.71

Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Ir-subregolament (6) tar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu minflok il-kliem "qabel ma jibda l-istaġun miftuħ għall-kaċċa;" għandhom jidħlu l-kliem "qabel ma jibda l-istaġun miftuħ għall-kaċċa:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda f'ċirkostanzi eċċezzjonali determinati bi qbil mal-Ministru, ir-rakkomandazzjoni għandha tiġi sottomessa lill-Ministru għall-inqas ġimgħatejn qabel ma jkun propost li jibda l-istaġun miftuħ li fih tkun permessa l-kaċċa;"; u

(b) fil-paragrafu (b) tiegħu minflok il-kliem "qabel ma jibda l-istaġun miftuħ meta jista' jsir it-teħid;" għandhom jidħlu l-kliem "qabel ma jibda l-istaġun miftuħ meta jista' jsir it-teħid:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda f'ċirkostanzi eċċezzjonali determinati bi qbil mal-Ministru, ir-rakkomandazzjoni għandha tiġi sottomessa lill-Ministru għall-inqas ġimgħatejn qabel ma jkun propost li jibda l-istaġun miftuħ li fih tkun permessa l-kaċċa;".

Jemenda r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.

**3.** Ir-subregolament (5) tar-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu minflok il-kliem "bejn l-1 u l-31 ta’ Jannar ta’ kull sena" għandhom jidħlu l-kliem "fi żmien ġimgħa minn meta jispiċċa l-perjodu li għalih tkun inħarġet skont l-Iskeda IV ta’ dawn ir-regolamenti"; u

(b) fil-paragrafu (b) tiegħu minflok il-kliem "Il-liċenzi ġodda jew il-liċenzi mġedda" għandhom jidħlu l-kliem "Il-liċenzi annwali jew il-liċenzi mġedda kull sena".

Jemenda r-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali.

**4.** Fis-subregolament (2) tar-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "Permess ma jistax jiġġedded" għandhom jidħlu l-kliem "Permess ma jistax jinħareġ jew jiġġedded".

Jemenda l-Iskeda IV li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**5.** Minfok il-paragrafu 2 tal-Iskeda IV tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol il-paragrafu ġdid li ġej:

" 2. Il-*Carnet de Chasse* għandu jinħareġ għal kull sena li, għall-finijiet tal-*carnet de chasse*, tibda wara li jintemm l-istaġun miftuħ tal-ħarifa ta’ qabel u jispiċċa meta jintemm l-istaġun miftuħ tal-ħarif ta’ dik is-sena, ukoll jekk l-istaġun miftuħ tal-ħarifa jintemm fl-ewwel ġimgħat tas-sena li tiġi wara.".

**L.N. 82 of 2011**

## ENVIRONMENT AND DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 504)

### Conservation of Wild Birds (Amendment) Regulations, 2011

BY VIRTUE of the powers conferred by articles 61 and 62 of the Environment and Development Planning Act, the Prime Minister has made the following regulations:

**1.** The title of these regulations is the Conservation of Wild Birds (Amendment) Regulations, 2011, and these regulations shall be read and construed as one with the Conservation of Wild Birds Regulations, hereinafter referred to as "the principal regulations". Citation. S.L. 504.71

**2.** Subregulation (6) of regulation 10 of the principal regulations shall be amended as follows: Amends regulation 10 of the principal regulations.

(a) in paragraph (a) thereof for the words "during which hunting may be allowed;" there shall be substituted the words "during which hunting may be allowed:" and immediately thereafter there shall be added the following new proviso:

"Provided that in exceptional circumstances determined in conjunction with the Minister, the recommendation shall be submitted to the Minister at least two weeks prior to the proposed start of the open season during which hunting may be allowed;"; and

(b) in paragraph (b) thereof for the words "during which taking may be allowed;" there shall be substituted the words "during which taking may be allowed:" and immediately thereafter there shall be added the following new proviso:

"Provided that in exceptional circumstances determined in conjunction with the Minister, the recommendation shall be submitted to the Minister at least two weeks prior to the proposed start of the open season during which hunting may be allowed;".

**3.** Subregulation (5) of regulation 12 of the principal regulations shall be amended as follows: Amends regulation 12 of the principal regulations.

(a) in paragraph (a) thereof for the words "between the 1st and the 31st January of every year", there shall be

substituted the words "within one week from the end of the period for which it has been issued in accordance with Schedule IV to these regulations"; and

(b) in paragraph (b) thereof for the words "All new licences or renewals" there shall be substituted the words "Annual licences or renewals".

Amends regulation 13 of the principal regulations.

**4.** In subregulation (2) of regulation 13 of the principal regulations for the words "A permit cannot be renewed" there shall be substituted the words "A permit cannot be issued or renewed".

Amends Schedule IV to the principal regulations.

**5**. For paragraph 2 of Schedule IV of the principal regulations there shall be substituted the following new paragraph:

" 2. The *Carnet de Chasse* will be issued for each year which, for the purposes of the *carnet de chasse*, starts after the closure of the previous autumn open season and ends with the closure of the autumn open season of that year, even if the autumn open season closes in the first weeks of the following year.".

---

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*

Prezz/*Price*
€0.19